MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 213/2000/1

**Konrad Maistre**

**Vs**

**Pierre Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Qorti jirritornalu d-dghajsa u l-karru taghha li ttiehdet mill-konvenut indebitament u bi frodi ghad-dannu tal-attur, u fin-nuqqas li taghmel hekk fiz-zmien lilll-konvenut prefiss li jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti in linea ta' danni sofferti mill-attur minhabba azzjoni tal-konvenut, liema danni principarjament jipprezentaw l-valur tal-istess dghajsa u l-karru taghha, ghal liema dannu l-konvenut unikament responsabbli minhabba li hadhom mill-pussess

tal-attur bi frodi, b'serq jew permezz ta' misapproprijazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-25 ta' Gunju 1999, bl-imghaxijeit legali dekorribbli mid-data tal-ittra interpellatorja sal-pagament effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur mertu tal-kawza jaccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi d-dghajsa imsemmija fl-avviz ghadha propjeta tal-konvenut u fil-fatt ghaliha l-attur ghadu ma hallasx l-ammont ta' Lm850.00 li kellu jhallas kieku il-bejgh sar;
3. Id-dghajsa kienet ghand l-attur biss biex jippruvaha u jekk issa qed jghid li hi tieghu allura irid ihallas ghaliha.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha wara li ppremetta illi l-attur qed jallega li dghajsa li kien ha minghand il-konvenut bi prova hi tieghu; u cioe donnu qed jaghzel l-opzjoni li jixtriha.

Peress li ghal din id-dghajsa il-konvenut ghadu ma hallasx il-prezz ta' tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm850.00) li hu kellu jhallas jekk jaghzel li jzommha.

Talab sabiex l-istess attur jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat sabiex jhallas lill-konvenut l-ammont ta' tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850) rapprezentanti prezz ta dghajsa u wara l-istess hlas tordna lill-attur jiehu d-dghajsa in kwistjoni.

Bl-ispejjez u bl-interessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-attur rikonvenut ghall-kontrotalba tal-konvenut (fol 11 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut rikonvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-raguni illi bejn il-kontendenti ma kienx hemm akkordju ta’ bejgh fuq d-dghajsa nkwistjoni, izda dina kienet effettivament giet konsenjata lill-attur rikonvenut mill-konvenut rikonvenut bhala hlas u jew kumpens ghall-servizzi illi l-attur rikonvenut kien irrenda afavur il-konvenut rikonvenut.
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, t-talba ghall-hlas tal-prezz indikat fil-kontrotalba hija irrita u nulla stante illi ma qieghedx jigi ritenut mill-konvenut rikonvenut illi fil-fatt kien jezisti l-kuntratt tal-bejgh bejn il-kontendenti u anqas ma qieghed jintalab dikjarazzjoni illi kien hemm kuntratt ta’ bejgh previa l-kundanna ghall-hlas tal-ammonti pretizi mill-konvenut rikonvenut.
3. Salvi eccezzjonijet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher a fol 67 et seq ibid tal-atti waqt din il-kawza u fil-mori taghha, l-konvenut odjern intavola avviz kontra l-attur u li fiha talab sabiex id-dokument a fol 23 ta’ dawn l-atti, jigi dikjarat null u bla effett ghax sar b’qerq, bi frodi u ingann. Dwar l-istess dokument li hu l-basi legali u bhala fatt, ta’ din il-kawza il-Qorti, kif diversament preseduta kienet ippronunzjat is-sentenza finali fit-13 ta’ Ottubru 2004 (Avviz numru 129/03SM) u din cahdet it-talbiet attrici u b’hekk l-istess dokument ghandu jigi, illum konsiderat, bhala <u>validu ghal kull effett u fini fil-ligi</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Mill-istess dokument dikjarat hekk validu jirrisulta illi l-konvenut odjern kien qed jbiegh id-dghajsa hemm imsemmija u kif hemm deskritta bhala aventi in-numru ta’

registrazzoni S 12757, lill-attur u dan 'for services rendered by Mr K Maistre on purchasing machinery …" kif elenkati fl-istess ftehim.

Ikkunsidrat

Illi kif xehed l-istess attur (fol 15 u fol 38 et seq ibid) u b'referenza ghall-imsemmi dokument deskritt minnu bhala wiehed ta' tpartit, l-imsemmija dghajsa kienet giet konsenjata mill-konvenut lill-attur u tpoggiet mill-istess attur, f'garage fil-Kalkara. Pero', madwar gimgha wara l-konsenja l-konvenut kien ha lura l-istess dghajsa, bil-metodu ossija 'messa in scena' kif deskritta fl-istess xhieda flimkien ma 'trailer' li kien sar mill-istess attur appositament ghall-istess daghajsa (ara, ghal kull bon fini, l-ircevuti a fol 40 tal-atti kif spjegati a fol 38 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz ma hemmx bzonn li issir referenza ghall-provi l-ohra prodotti in vista li, mill-premess, jidher evidenti li l-iskrittura a fol 22 ibid ghandha tigi konsiderata bhala valida ghal kull effett u fini fil-ligi u li, ghalhekk, il-konvenut ghandu jikkonsenja u jirristitwixxi lura l-istess dghajsa u karru indikati, bhala aventi l-valur ta' Lm800 skond kif indikat a fol 16 tal-atti fit-tielet paragrafu. Inoltre u b'referenza ghall-kontro talba sottomessa mill-konvenut, din ma tistax tigi akkolta minhabba dak miftiehem fl-istess skrittura a fol 22 fis-sens li din, kif di gja nghad, din tidher li tikkonstitwixxi ftehim bejn il-partijiet li ghandu l-karatteristici ta' tpartit in konnessjoni ma kumpens 'in genere' kif specifikat fl-istess ftehim.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzonijiet u l-kontro-talba sottomessi mill-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien xahar millum stess jirritorna lill-attur id-dghajsa u l-karru taghha, li ittiehdet mill-istess konvenut indebitament u bi frodi ghad-dannu tal-istess attur u;

2. fin-nuqqas li jaghmel dan fiz-zmien prefiss, tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' Lm800 in linea ta' danni sofferti mill-attur minhabba l-azzjoni tal-istess konvenut, liema danni jirrapresentaw l-valur tal-istess dghajsa u karru, u ghal liema danni l-konvenut hu unikament responsabbli minhabba li l-istess dghajsa u karru ittiehdu mill-konvenut b'frodi, b'serq jew permezz ta' misapproprjazzjoni, bl-imghaxijiet legali fuq l-istess somma likwidata mit-22 ta' Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Gunju 1999.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------